MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru 159/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**EMANUEL BALZAN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Balzan ta' 33 sena bin Joseph u Lucia nee' Pace imwieled Attard fis-26 ta' Jannar 1977 u residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 128177(M)

Billi gie akkuzat talli f'Novembru 2009, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-

ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Elvin Magri detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 144777(M), ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ s-somma ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Elvin Magri detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 144777(M), ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MC3 u innutat li l-imputat Emanuel Balzan m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li

tinkwadra ruhha fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi u l-PL Noel Bianco ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-ammont dovut mill-imputat lill-parte civile Elvin Magri rigward dan il-kaz hu ta’ elf u hames mitt Euro (Euro1500).

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Balzan, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Emanuel Balzan ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Emanuel Balzan jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Emanuel Balzan liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija tieni akkuza kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Emanuel Balzan ihallas lill-parte civile Elvin Magri is-somma ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) bhala ammont dovut mill-

imputat lill-parte civile Elvin Magri rigward dan il-kaz u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Balzan l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------